**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Marzu 2023</u>**

**<u>Rikors numru: 180/2022 AGV</u>**

**RD**

**Vs**

**Dr Martha Mifsud u PL Luisa Tufigno bhala kuraturi deputati ghal GR**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-rikors tat- 18 ta' Awwissu 2022, ta' RD , fejn ;**

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma ;**

1. Il-partijiet izzewwgu l-Ukrajna fit- 13 ta' Frar 2010 liema zwieg gie registrat fir-registru Pubbliku fl- 1 ta' April 2010 enuamerat 209/2010. Kopja ta' certifikat taz-zwieg taghhom qed jigi prezentat , anness u mmarkat bhala Dok A ;

2. Illi l-partijiet ma kellhomx tfal minn daz-zwieg.
3. Illi permezz ta' kuntratt tad-29 ta' Lulju 2011, in atti tan-Nutar Josef Cristian Masini Vento, il-komtendeti kienu tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti illi kienet applikabbli awtomatikament mal- mument li gie kuntrattat daz-zwieg. Liema kopja qed tigi mmarakta Dok B
4. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet, saret impossibbli, minhabba inkompatibilta' ta' karattru, il-hajja tal-kontendenti, flimkien ma baqghetx aktar possibbli minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment bi htija tal-istess intimat.
5. Illi l-kontendenti ilhom 'il fuq minn 4 snin de facto separati.
6. Illi l-esponenti giet awtorizzata li tintavola dil-kawza, permezz ta' digriet tal-Onorabbli Qorti Imhallef Jacqueline Padovani Grima, nhar l-4 t'Awwissu 2022, illi jinsab anness, bhala Dok. C
7. Illi r- rikoncilazzjoni bejn il-partijiet mhux possibbli, u ghalhekk kellha ssir dil-kawza bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi prevja kull provvediment iehor li dil-Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun, fic- cirkostanzi joghgobha ;

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi imputabbli lil intimat u minhabba liz-zwieg tkisser irrevokabilment.
2. Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti kollha tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.
3. Tawtorizza lir-rikorrenti esponenti li tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza evenalement moghtija minn dil-Onorabbli Qorti.
4. Tapplika interament jew in parti is-disposizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili, separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amminstrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

5. Tawtorizza r-rikorrenti sabiex tammistra  il-propjeta'  matrimonjali, u cjoe' 33, La Hacienda, Triq il-Muzika, Iklin,  li hija formanti mil-beni parafernali tar-rikorrenti izda li minhabba li zewgha Gennadiy Ruskol, ghandu l-karta tal-Identita'  registrata fuq l-indirizz ta' did-dar matrimonjali, ir-rikorrenti qed tigi  imcahhda li tamministraha wehidha.

**Bl-ispejjez kontra l-intimat, ingunt minn issa in subizzjoni.**

Il-Qorti, rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr Martha Mifsud, datata 1 ta' Dicembru 2022, li tesponi bir-rispett li illi l-esponenti mhux edott mil-fatti u qed jirriservaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri fi stadju opportun.

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri**
**Bl-ispejjez.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-attrici esebiet affidavit taghha fejn fi ftit kliem tirrepeti dak li kienet gia' ikkonfermat bil-gurament taghha fir-rikors promotur. Tenut kont li l-konvenut ma ressaq ebda provi biex jikkontradici dak li l-attrici qalet, il-Qorti sejra tiehu l-

fatti kif esposti minnha bhala ippruvati. L-attrici tghid li l-hajja tal-kontendenti flimkien ma baqghetx aktar possibbli minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment bi htija tal-istess intimat, izda ma tghidx din il-htija x'inhi. Tghid biss li ilhom *de facto* separati ghal aktar minn erba' snin, u li l-komunjoni tal-akkwisti kienet giet itterminata permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Lulju 2011, esebit mar-rikors guramentat.

Tenut kont, ghalhekk, li l-provi huma ghal kollox sajmin minn kull dettall rilevanti ghat-talbiet attrici, il-Qorti sejra biss tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

1. Tilqa' l-ewwel talba limitatament, u tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment.
2. Tichad it-tieni talba.
3. Tilqa' t-tielet talba u tawtorizza lir-rikorrenti esponenti li tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dil-Onorabbli Qorti.
4. Tilqa' r-raba' talba u ghal kull buon fini tapplika interament jew in parti is-disposizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili, separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amminstrazzjoni tal-beni parafernali taghha.
5. Tilqa' l-hames talba u tawtorizza r-rikorrenti sabiex tammistra l-proprjeta' 33, La Hacienda, Triq il-Muzika, Iklin, li hija formanti mil-beni parafernali

tar-rikorrenti, ad eskluzjoni ta' zewgha GR u ghalhekk tawtorizza lill-istess attrici li tamministraha wehidha.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attrici.**

**Onor Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**